MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 103/1999/1

**Carmelo u Carmen konjugi Magri**

**v.**

**Mixer Limited, Mixer Concrete Works Limited,**
**u b'digriet tal-15 ta' Gunju, 1999,**
**gie ordnat l-intervent in kawza**
**tas-socjeta` F & A Quarries Ltd.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tas-socjetajiet appellanti tad-9 ta’ Dicembru 2005 sabiex huma jigu ammessi ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament ai termini ta’ l-Artikolu 904 tal-Kap. 12;

Rat l-atti relevanti; semghet id-deposizzjoni moghtija llum mill-appellant nomine Sebastian Dalli; semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward ta’ l-imsemmija talba;

Rat l-Artikolu 904(1) tal-Kap. 12; peress li mhix sodisfatta li l-appellant nomine ma kellux mezzi sufficjenti biex jiddepozita l-kawtela, u lanqas ma hi sodisfatta li llum m’ghandux tali mezzi, anzi, ghall-kuntrarju hi sodisfatta li ghandu mezzi biex, bi sforz minimu, jiddepozita l-kawtela skond il-ligi; ghalhekk ma jistax jinghad li hu “ma rnexxilux igib dik il-garanzija” ghax mid-deposizzjoni tieghu jirrizulta li lanqas biss ipprova jgibha;

Tichad it-talba tas-socjetajiet rikorrenti appellanti ghall-ammissjoni u ghall-beneficcju tal-garanzija bil-gurament.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------